Kunsill Lokali Ħal Balzan
7/9, Triq Dun Spir Sammut,
Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 43

Data tal-laqgħa: 18 ta` Diċembru 2017

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-3.00 ta` filgħaxija.

### PREŻENTI:
Nutar Ian Spiteri – Sindku
Desmond Zammit Marmara` – Kunsillier
Daniel Muscat – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b`APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:
Andre` Grech – Viċi Sindku

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 43.1 Qari tal-ittri ta` apoloġiji

43.1.1 Ma kienx hemm ittri ta` apoloġiji.

## 43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 42

43.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-Tnejn u Erbgħin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

43.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 43.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

43.3.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-proċess biex toħroġ is-sejħa għall-offerti għas-servizz legali ġie temporanjament sospiż. Dan għaliex mill-1 ta` Jannar 2018 se jkun hemm bidla fir-regolamenti tal-akkwist. Dan it-tibdil se jiġi spjegat aktar il` quddiem.

43.3.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-kumpanija tal-Assigurazzjoni approvat il-*claim* u l-ispiża li tammonta għal €2,720.00 (VAT eskluż) biex l-apparat tas-CCTV li ġarrab ħsara mis-sajjetti jinbidel. Il-kumpanija tal-Assigurazzjoni approvaw li l-ispiża titħallas direttament lill-Alarmtech wara li jiġi mibdul l-apparat. Il-Kunsill irid iħallas biss l-*excess* tal-*claim* li tammonta €150.

43.3.3 Dwar il-problema tal-*main* tal-ilma fi Triq Idmejda, is-SE infurmat lill-Kunsill li saret talba formali mal-Inġ. Stefan Riolo (WSC) biex jinbidel il-*main* u għadha qed tistenna risposta.

## 43.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

43.4.1 <u>*Pasta Night* bil-kollaborazzjoni mal-Każin tal-banda San Gabriel</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-*Pasta Night* bil-kollaborazzjoni mal-Każin tal-banda San Gabriel li kellha ssir fis-7 ta` Diċembru 2017 tħassret peress li ma kienx hemm biżżejjed konkorrenza. Din l-attivita` se ssir is-sena d-dieħla.

43.4.2.1 <u>Għalqa f`Wesgħa Profs. Guze Aquilina</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill bl-ilmenti li qed jirċievi dwar l-abbużi li qed ikun hemm fl-għalqa ta` Wesgħa Profs. Aquilina. Ir-residenti tal-madwar qed jaraw nies fis-sakra, kif ukoll abbuż ta` droga. Ir-residenti għandhom jirrapurtaw lill-pulizija fil-ħin li jkun qed isir l-abbuż. Ir-residenti qed jilmentaw ukoll li fl-għalqa reġgħa hemm madwar ħames (5) karozzi abbandunati.

43.4.2.2 Dawn l-ilmenti ser jgħaddu għand il-pulizija biex isir infurzar, kif ukoll se jiġu mqajjma waqt il-laqgħa li l-Kunsill għandu mal-Onor. Chris Agius, Segretarju Parlamentari għall-ippjanar u s-suq tal-proprjeta` fi Frar 2018.

43.4.2.3 Is-Sindku semma wkoll il-problema li qed ikollhom ir-residenti li għandhom l-aċċess għall-garaxx mill-għalqa. Kontinwament qed ikollhom l-aċċess blokkat mill-karozzi għax qed jipparkjawlhom quddiem l-entratura tal-garaxx. Qal ukoll lir-residenti qed jinsistu li dik il-parti hija triq pubblika għalhekk qed jitolbu li jinżebgħu linji sofor quddiem l-entratura tal-garaxxijiet kollha. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jsiru l-linji sofor jekk it-triq hija pubblika.

## 43.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

43.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 43.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tad-*Draft Budget* għall-2018

43.6.1 Id-*Draft Budget* għas-sena finanzjarja 2018 tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill (mehmuż). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-SE spjegat xi affarijiet lill-Kunsilliera.

43.6.2 L-estimi, kif kienu proposti għall-approvazzjoni mis-Sindku, ġew approvati unanimament. Is-SE ser tippreżenta kopja fil-*format* formali skont ir-regolamenti biex tiġi ffirmata waqt l-laqgħa li jmiss.

## 43.7 Disponiment ta` Assi tal-Kunsill

43.7.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet skeda għall-approvazzjoni tal-Kunsill li turi lista ta` Assi tal-Kunsill li ser jiġu mneħħija minn fuq l-inventarju.

43.7.2 Il-Kunsill unanimament iddeċieda li jiddisponi mill-assi li jidhru fuq il-lista mehmuża billi jiġu mormija.

## 43.8 Ilmenti u *Items* oħra ta` xogħol ieħor tal-Kunsill

43.8.1 <u>Tiġdid tal-Ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill b`*email* mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed tfakkar lill-Kunsilli li l-perjodu ta` 90 jum biex il-persuna nominata mill-Kunsill u approvata mill-Ministru biex taġixxi bħala Deputat SE dalwaqt jiskadi. Il-Kunsill approva li jġedded in-nomina tas-Sur Mark Mallia. Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` astjena.

43.8.2 <u>Talba minn impjegat biex iġġedded xi *leave* għas-sena 2018</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li rċeviet ittra mill-impjegat Lawrence Pace, fejn qed jitlob sabiex iġġedded 18 -il siegħa mill-*leave* ta` din is-sena għal 2018. Il-Kunsill approva unanimament.

43.8.3.1 <u>Talba biex titneħħa bozza minn ma` faċċata u teħel fuq arblu</u>
Ġiet innutata *email* mibgħuta mis-sid ta` dar 21, Arnel fi Triq il-Qarċilla. Is-sid qed jitlob li titneħħa l-lampa tad-dawl li hemm mal-faċċata, u teħel fuq arblu li se jintuża wkoll biex jiġu devjati l-*wires* tal-elettriku minn mal-faċċata, hekk kif indikat fuq il-pjanta mibgħuta.

43.8.3.2 Il-Kunsill approva bil-kundizzjoni li l-ispejjeż jitħallsu mis-sid.

43.8.4 <u>Ċirkulari AKL 106/2017 – Kampanja 'Suq bil-Għaqal'</u>
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 106/2017 – Kampanja 'Suq bil-Għaqal' mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Il-Kunsillier Daniel Muscat se jara jsibx xi żgħażagħ li lesti li jieħdu sehem f`din il-kampanja.

43.8.5.1 <u>Talba biex jiġu rilokati l-kontenituri tal-Bring-in-Site</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li Dar Merħba Bik qed jitolbu li l-kontenituri tal-Bring-in-Site ta` Wesgħa Profs Guze Aquilina jiġu rilokati.

43.8.5.2 Is-Sindku qed jissuġġerixxi li dawn jiġu rilokati għal faċċata man-naħa tal-għalqa. Il-Kunsill ma qabilx għax jekk isiru faċċata jkun hemm aktar lok li jarmu fl-għalqa.

43.8.5.3 Il-Kunsilliera Daniel Muscat u Joe Galea qed jipproponu li l-kontenituri jitneħħew kompletament għax ta` kuljum qed ikun hemm abbuż billi jintrema skart speċjalment dak goff madwar il-kontenituri.

43.8.5.4 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` ma jaqbilx li jitneħħew għax ta` l-inqas għandu jkun hemm post wieħed fejn residenti jistgħu jarmu.

43.8.5.5 It-talba biex jiġu rilokati l-kontenituri ma ġietx milqugħa. Il-Kunsill innota li hija pjuttost diffiċli li xi nies

jaqbżu minn fuqhom għax bejn il-konteNituri u l-ħajt ta` Dar Merħba Bik (li huwa għoli madwar sular għoli) hemm il-bankina wiesgħa madwar 1.5m. Il-Kunsill qed jissuġġerixxi li Dar Merħba Bik għandhom jinstallaw miżuri ta` sigurta` madwar il-binja bħala prekawzjoni.

## 43.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti

43.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta` pagamenti nru. 13/17 li ġġib id-data tat-18 ta` Diċembru 2017 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta` €16,641.88.

43.9.2 L-iskeda ta` ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Daniel Muscat li kien issekondat mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara`. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 43.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

43.10.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.05pm.

43.10.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 16 ta` Jannar 2018 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 16 ta` Jannar 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nut. Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |